MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2014

Rikors Numru. 447/2013

Kawza fil-lista: 19

**A B**

**vs**

**C D**

**Il-Qorti,**

**Preambolu;**

Rat ir-rikors tal-attur tal-5 ta’ Settembru 2013 li permezz tieghu talab li l-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg ta’ bejn il-partijiet.

Rat li fis-seduta tal-1 ta’ April 2014, il-konvenuta ddikjarat li ma topponix ghat-talbiet attrici.

Rat l-atti kollha.

Rat li r-rikors thalla ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Mill-provi migbura jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewwgu fid-19 ta’ Mejju 2001, u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Illi l-partijiet kienu sseparaw in forza ta’ kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Rueben Debono fl-24 ta’ Ottubru 2011;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment;

**Decide**.

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

Ghal dawn il-motivi,

1) Tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta’ bejn il-partijiet; u

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Spejjez bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------